MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 1038/2006

**Kunsill Lokali ta`**
**Ta` Xbiex**

**Vs**

**Melita Insurance Brokers Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta` Novembru, tas-sena 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-Kunsill attur, is-somma ta` elf u mitejn lira (Lm1,200), rapprezentanti kumpens dovut ghal permess fuq materjal ta` bini utilizzat mis-socjeta` konvenuta fix-xogholijiet ezegwiti minnha u dana ai termini tad-drittijiet, Skeda C, regola numru 3.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li d-dirigenti taghha huma msejha ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet

relattivi, dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz sal-hlas ghas-saldu.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta datata 11 ta` Dicembru, 2006, fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens li (1) l-ebda ammont ma hu dovut (2) li l-Kunsill qed jibbaza l-pretenzjoni tieghu fuq provediment zbaljat (3) li l-ammont mitlub huwa ezagerat.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi d-divergenza bejn il-kontendenti tinsab bazikament fuq liema provediment il-Kunsill kellu jitlob hlas bhala kumpens minghand il-konvenut ghal permess ta` materjal ta` bini utilizzat mis-socjeta` konvenuta fil-kors ta` xogholijiet strutturali ezegwiti mill-istess socjeta` konvenuta.

Marisa Pisani, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill attur xehdet illi s-socjeta` konvenuta kienet applikat ghal permess sabiex ittella` scaffolding go triq halli jkunu jistghu jkahhlu u jbajdu faccata ta` blokka li kienet ghadha kemm telghet. Din is-socjeta` ma kinietx issoktat bl-ipprocessar ta` din l-applikazzjoni wara li gew infurmati kemm sejra tiswilhom pero` xorta wahda kien gie nstallat dan l-apparat u x-xogholijiet fuq il-faccata tal-blokka l-gdida xorta wahda saru bl-uzu ta` l-istess. Illi ghalhekk il-Kunsill beda jikkalkola l-granet kemm dam armat dan l-apparat li kien bejn l-1 ta` Awissu sa l-ahhar ta` Novembru, 2005 u dana bir-rata ta` €2.33 (Euros) gia` Lm1, ghal kull metru kwadru fuq tul ta` 10 metri, ghalkemm kien hemm fazi fejn ix-xoghol kien qed jigi ezegwit fuq medda ta` 14 il-metru. Din waslet ghas-somma ta` €2,796 (Euros) gia` Lm1,200, mitluba f’din il-kawza. L-apparat imsemmi jidher evidenti mir-ritratti ezebiti u mmarkati Dok. MP 1 sa MP 4. Skond

is-segretarja, is-socjeta` konvenuta kienet oggezzjonat ghal hlas peress li ppretendew li r-rata kellha tkun din ta` crane u mhux ta` depozitu ta` materjal tal-bini. Anna Micallef, skrivana mal-Kunsill attur ikkonfermat fis-sustanza x-xhieda ta` Marisa Pisani.

Frank Fenech, ghas-socjeta` konvenuta xehed li ma kienx sar pagament peress illi kienu qed jinnegozjaw rata mal-Kunsill in vista ta` nuqqas ta` qbil fuq l-interpretazzjoni ta` l-artikolu rilevanti u dana kif jirrizulta minn Dok. FF 1, konsistenti f'ittra mibghuta mill-avukat tal-Kunsill.

Fit-trattazzjoni tieghu, l-konsulent legali tal-konvenut jafferma illi l-provedimenti ta` Skeda C, ma humiex applikabbli peress illi l-armar kien fuq il-bankina mhux fit-triq. Fl-ewwel lok, jinghad li d-dirigent tas-socjeta` konvenuta stess naqas li jgib prova dwar dan. Mill-banda l-ohra, pero` johrog car mir-ritratti ezebiti a fol. 15 et seq, illi l-scaffolding mhux biss ingombra l-wisgha tal-bankina kollha izda sahansitra nizel in parti ghal go t-triq ukoll.

Illi Skeda C, artikolu 3, ighid li trid thallas €2.33 (Euros) gia` Lm1, kuljum ghal kull metru kwadru f'kaz ta` depozitu ta` materjal tal-bini jew materjal iehor **jew xi oggetti f'xi triq.** *(Highlighted mit-Tribunal).* Mill-banda l-ohra, l-artikolu 4, ta` l-istess skeda tghid illi trid thallas €23.30 (Euros) gia` Lm10 kuljum ghal depozitu ta` krejn jew makkinarju iehor f'xi triq waqt il-bini, kostruzzjoni jew demolizzjoni ta` xi bini jew progett iehor simili. Il-kwistjoni li nqalghet bejn il-kontendenti kienet jekk l-armar ta` l-scaffolding jammontax ghal "oggett fit-triq" (Art. 3) jew "makkinarju iehor" (Art. 4). Illi bla dubbju, scaffolding jista` jaqa` taht id-definizzjoni wiesgha ta` "oggett iehor", imsemmi fl-artikolu 3 ta` Skeda C. Il-kwistjoni hi jekk jistax jaqa` wkoll taht id-definizzjoni ta` "makkinarju iehor" taht artikolu 4. Dan ta` l-ahhar ghandu jinqara fis-sens flimkien mal-kumplament ta` l-artikolu u cioe` makkinarju li ser jintuza ghal bini – kostruzzjoni – jew demolizzjoni ta` xi proprjeta`. Illi ghalhekk milli jidher dan l-artikolu qed jaghmel referenza ghal xi tip ta` makkinarju li jintuza ntrinsikament u materjalment fil-kostruzzjoni u jew demolizzjoni ta` bini. Illi fil-kaz in ezami, l-binja kienet gia` telghet u l-scaffolding

kien qed jintuza sabiex titkahhal u titbajjad il-faccata. Certament tali apparat ma jistax jissejjah bhala xi makkinarju li jintuza ghal bini u / jew twaqqiegh ta` bini. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-artikolu 4, sollevat mis-socjeta` konvenuta, certament ma hux applikabbli filwaqt li l-istallazzjoni ta` l-scaffolding jista` jaqa` facilment entro s-sinifikat tal-klawsola numru 3, Skeda C kif affermat mill-Kunsill attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, kwindi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-Kunsill attur, is-somma ta` €2,795.25 (Euros) gia Lm1,200, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------